# M I N U T I

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Floriana

## Id-disa' leġiżlatura

## Laqgħa Straordinarja numru 12

23 ta' Marzu 2025

It-tnax (12)-il seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Erbgħa 23 ta' Marzu 2025 fil-5.15pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

Preżenti :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Nigel Holland | ( NH ) | Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |
| Is-Sur Justin Haber | ( JH ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |

Skużati:-

Membri tal-Pubbliku 0

Uffiċjal preżenti:-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 12.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

12.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 12.2 PJAN TA' AZZJONI DWAR IL-KRIŻI DEMOGRAFIKA TAL-FLORIANA

12.2.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li kien sejjaħ dil-laqgħa straordinarja sabiex tiġi diskussa materja speċifika: id-diżintegrazzjoni tal-komunità residenzjali Furjaniża.

12.2.2. Huwa qal li dakinhar filgħodu kienet inżammet laqgħa mal-Kap tal-Oppożizzjoni fejn matulha wkoll kien ta l-ħsibijiet tiegħu flimkien ma' kollegi oħra, rigward din il-materja in kwistjoni.

12.2.3. Is-Sindku tenna li kien jinsab kuntent li ġie approvat il-pjan ta' riġenerazzjoni tal-Floriana iżda f'dawn l-aħħar jiem kien inħass il-bżonn li jkun hemm iktar azzjoni diretta għax l-affarijiet kienu qed jeskalaw f'daqqa. Huwa għamel riferenza għall-iżvilupp fi Pjazza Sant'Anna fejn kien qed jiġi propost li minflok bini residenzjali, tinfetaħ lukanda oħra. Huwa qal li kien stagħġeb li l-Kunsill kien informat b'laqgħa relatata ma' dan il-permess dsatax-il minuta biss qabel il-laqgħa.

12.2.4. Is-Sindku qal li kien talab li jkun hemm laqgħa immedjata mat-town planner imqabbda mil-Kunsill sabiex jiġi diskuss dan l-iżvilupp ta' bini residenzjali f'lukanda b'erbgħin kamra, ristoranti, eċċ.

12.2.5. Is-Sindku qal li kien informat ukoll li għadha kif daħlet applikazzjoni għal estensjoni għal żvilupp fi Triq San Tumas.

12.2.6. Is-Sindku qal li qed jitlob li din il-materja ma tiġix politiċizzata speċjalment ladarba l-Awtorità tal-Ippjanar ma tweldit taħt dan il-gvern iżda taħt gvern ieħor u għalhekk il-kritika ma kinitx relatata mal-gvern tal-lum.

12.2.7. Huwa qal li l-leġiżlaturi preċedenti tal-kunsill ma kienux oġġezzjonaw għall-Air BnBs għax kienu jqisuhom li huma ta' natura residenzjali. Huwa qal li hu ma kienx jaqbel ma' din il-pożizzjoni anke ġaladarba dawn iridu l-permess tal-Awtorità tat-Turiżmu biex joperaw u għalhekk minnhom infushom kienu ta' natura kummerċjali. Huwa qal li hu kien ser jibqa' jiġġieled kontra kull residenza li tinbidel f'waħda ta' natura kummerċjali.

12.2.8. Huwa irrefera għall-fatt li l-Awtorità tal-Ippjanar, fl-2002, kienet iddeċidiet li l-iżvilupp ta' natura kummerċjali fil-lokalità ikun permess biss bil-kundizzjoni li ma jbiddilx il-karattru residenzjali tal-lokalità. Minkejja dan, f'dawn l-aħħar snin, dan ma seħħx. Huwa qal li meta kien fil-kunsill, dejjem kienet tressqet oġġezzjoni kontinwa għal kull applikazzjoni ta' żvilupp.

12.2.9. Is-Sindku ikkummenta dwar il-popolazzjoni tal-lokalità matul is-snin li sfortunatament, kull sena qed tkompli tonqos. Għalhekk huwa jħoss li kien wasal iż-żmien li jinstab mezz biex terġa' tirxoxta l-Floriana.

12.2.10. Is-Sindku ippropona li tintalab laqgħa mal-Prim Ministru biex tinġieb din il-materja għall-attenzjoni tiegħu.

<u>**Nota: 17:28 Il-Kunsilliera JP attendiet għal-laqgħa.**</u>

12.2.11. Huwa ippropona wkoll li ssir laqgħa pubblika fi Triq San Tumas biex tinbeda petizzjoni li tkun immirata lejn l-Awtorità tal-Ippjanar sabiex terfa' r-responsabiltajiet tagħha u tara li l Floriana terġa' tibda ssib il bilanċ tagħha bejn id-djar residenzjali u l-binjiet kummerċjali, dmir li skartat dawn l-aħħar snin.

12.2.12. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill jappella lill-Gvern Ċentrali biex jagħmel il-parti tiegħu ukoll. Huwa qal li jħoss li dan huwa ċ-ċans finali biex flimkien jippruvaw idawwru r-rotta lura.

12.2.13. Is-Sindku qal li l-membri tal-parlament speċjalment dawk tal-ewwel distrett għandhom ikunu on board, flimkien ma' għaqdiet mhux governattivi u entitajiet oħra li jistgħu jgħinu f'din il-battalja.

12.2.14. Huwa qal ukoll li jistenna li l-partiti politiċi jipproponu l-idejat tagħhom jekk dawn lesti jabbraċċaw il-problema flimkien mal-Kunsill. Żied jgħid li għandhom jiġu mistiedna l-partiti politiċi kollha li huma reġistrati mal-Kummissjoni Elettorali u li jikkontestaw fuq livell nazzjonali u dan biex kulħadd ikun mistieden jgħaddi s-suġġerimenti u l-proposti tiegħu.

12.2.15. Is-Sindku qal li jinsab iddispjaċut rigward l-approvazzjoni tal-permess għall-estensjoni tal-librerija nazzjonali. Huwa qal li din kienet waħda mill-ftit żoni fejn seta' jsir żvilupp residenzjali fil-lokalità.

12.2.16. Huwa ippropona li l-Kunsill jitlob lill-Gvern sabiex ikun hemm moratorju fuq żviluppi ġodda sakemm issir diskussjoni xierqa. Huwa żied jgħid li l-Kunsill għandu jitlob lill-Awtorità tat-Turiżmu sabiex ma jkunx hemm iktar ħruġ ta' permessi għall-Air BnBs sakemm din il-materja tiġi indirizzata.

12.2.17. Is-Sindku għamel riferenza għall-innu tal-lokalità li parti mil-lirika tgħid "din l-art tal-Furjaniżi". Huwa qal li sfortunatament, fi ftit snin oħra, din mhux se tibqa' l-art tal-Furjaniżi iżda ser issir l-art tas-sinjuruni u ta' dawk li dawwru r-residenzi tagħhom għall-gwadann personali tagħhom.

12.2.18. Il-Viċi Sindku JAE u l-Kunsilliera JP qalu li m'hemmx wisq x'wieħed iżid ma' dak li qal is-Sindku.

12.2.19. Il-Viċi Sindku JAE qal li jixtieq li jikkjarifika li fil-passat kien hemm mumenti li min-naħa tiegħu kien għamel numru ta' mozzjonijiet kif ukoll għamel diversi attentati biex tiġi diskussa r-riġenerazzjoni tal-lokalità. Huwa qal li kien hemm drabi fejn il-Kunsill kien qabel b'mod kollettiv u kien hemm drabi fejn kienet instabet reżistenza anke minn madwar il mejda tal-Kunsill. Huwa qal li hemm ħafna x'jista' jsir iżda hemm bżonn li jinżamm il-kollettiv bħala prijorità biex din l-isfida tiġi indirizzata.

12.2.20. Il-Kunsilliera SSH qalet li taqbel li l-popolazzjoni qed tonqos però hi tħoss li l-popolazzjoni Maltija qed tonqos madwar il-lokalitajiet ta' Malta kollha. Is-Sindku qal li hemm lokalitajiet fejn il popolazzjoni qed tiżdied.

12.2.21. Il-Kunsilliera SSH irreferiet għall-proposta li ma jibqgħux jinħarġu permessi għal Air BnBs u qalet li ħafna minnhom fil-lokalità kienu kmamar żgħar u kantini li kienu inbidlu f'hekk għaliex illum ħadd mhu se jixtri dan iċ-ċokon biex jgħix fih. Is-Sindku qal li ma jaqbilx li l-kmamar u l-kantini qed isiru Air BnBs iżda pjuttost kienu l-appartamenti li qed jinbidlu f' Air BnBs.

12.2.22. Is-Sindku staqsa jekk il-kunsillieri għandhomx xi suġġerimenti oħra.

12.2.23. Il-Kunsilliera SSH qalet li mhux ġust li wieħed ikun xtara proprjetà bit-tir li jikriha imbagħad jiġi mċaħħad milli jagħmel dan. Is-Sindku qal li dawn l-affarijiet isiru anke f pajjiżi oħra fejn il-Gvern jintervjeni f'suq ħieles.

12.2.24. Is-Sindku qal li minkejja dan, wieħed mhux se jkun retroattiv imma lest jaċċetta li jkun hemm qbil fuq data fejn wieħed jgħid li minn dakinhar il' quddiem mhux ser jinħarġu iktar permessi. Huwa qal li jixtieq jiċċara li din l-aċċettazzjoni tapplika biss għal Air BnBs u mhux għal dawk in-nies li fetħu jew qed jippjanaw li jiftħu boutique hotels meta qed jiksru l-pjan lokali tal-Awtorità tal-Ippjanar stess.

12.2.25. Il-Kunsillier JH qal li ħafna mil-bini antik, anke f'lokalitajiet oħra bħal fil-Belt Valletta, fihom ħafna turġien u dan jaqta' qalb in-nies li jixtru biex jgħixu f'bini ta' dan it-tip.

12.2.26. Il-Kunsillier JH qal li l-proprjetà fil-Floriana għoliet fil-valur u n-nies li għandhom proprjetà fil-Floriana mhumiex se jbiegħu il-proprjetà tagħhom biċ-ċiċri iżda se jbiegħu lil min se joffrilhom l-iktar. Huwa irrefera għall-proprjetà li kellhom il-ġenituri tas-Sindku fejn is-Sindku talab li tkun irrekordjata li hu kien l-ewwel wieħed li lill-ħutu kien qallhom li jekk se tinbiegħ lill-Ambaxxata Tuneżina, ma kienx ser jiffirma.

12.2.27. Is-Sindku qal ukoll li tnax-il sena ilu il-Kunsill kien għamel rapport tekniku li ippropona żoni fejn jista' jsir bini residenzjali. Huwa qal li f'pajjiżi oħra il-gvernijiet jintervjenu fis-suq ħieles għax huwa fil-poter tagħhom.

12.2.28. Il-Kunsillier JH qal li m'hemmx bżonn li jkun hemm aggressività mal-gvern u mal-entitajiet. Huwa ippropona li l-Kunsill jitkellem mal-entitajiet sabiex jiskopri ta' min hu l-bini abbandunat u forsi jkun hemm proposti relatati m'hekk.

12.2.29. Il-Kunsilliera SSH qalet li din il-problema kienet ilha ġejja minkejja li l-Kunsill kien joġġezzjona għal ċertu applikazzjonijiet. Hija reġgħet tenniet li mhuwiex ġust fuq min irid ibiegħ jew jinvesti. Hija qalet li b'din il-proposta kienu ser ibatu xi residenti fil-lokalità li

jkunu daħlu fi ftehim li jixtru proprjetà banda oħra minħabba problemi ta' mobbiltà u jkunu qed jiddependu fuq il-bejgħ tal-proprjetà tagħhom biex jixtru il-proprjetà l-oħra.

12.2.30. Is-Sindku qal li hu kien qed jipproponi moratorju li mhux neċessarjament ikun wieħed immedjat iżda jasal jaqbel li jibda' minn data maqbula.

12.2.31. Il-Kunsilliera SSH u l-Kunsillier JH qalu li ma jaqblux li tinżamm laqgħa pubblika fil-ġimgħa tal-festa għax iħossu li dan ser jifred lill-Furjaniżi.

12.2.32. Wara li saret diskussjoni, is-Sindku ippropona li l-laqgħa pubblika ssir fil-Ħamis ta' qabel ħruġ-il vara, nhar l-24 t'April 2025 fil-5.30pm.

12.2.33. Il-Kunsilliera SSH qalet li kienet kontra li l-laqgħa pubblika ssir quddiem xi binja speċifika. Is-Sindku qal li ma jarax għalfejn m'għandhiex issir quddiem binja għax wieħed irid juri r-realtajiet tal-fatti u mhux jaħrab minnhom.

12.2.34. Il-Kunsilliera SSH ressqet mozzjoni favur l-approvazzjoni tal-pjan t'azzjoni propost mis-Sindku NH, bl-eċċezzjoni li ma jbatix l-inkwilin li jkun diġà għamel commitment x'imkien ieħor a bażi li jkun se jbiegħ il-proprjetà tiegħu fil-Floriana. Il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier JH. Ittieħed vot bir-riżultat kien:

Favur: 2 (SSH, JH)
Kontra: 3 (NH, JAE, JP)
Astensjonijiet: 0

12.2.35. Is-Sindku ressaq mozzjoni, issekondata mill-Viċi Sindku JAE, sabiex jiġi implimentat dal-pjan t'azzjoni ibbażat fuq il-proposti oriġinali tiegħu li ġew imressqa iktar kmieni fil-laqgħa inkluż laqgħa mal-Prim Ministru u laqgħa pubblika nhar il-Ħamis 24 t'April 2025 fil-5.30pm. Ittieħed vot bir-riżultat kien:

Favur: 3 (NH, JAE, JP)
Kontra: 2 (SSH, JH)
Astensjonijiet: 0

12.2.36. Għalhekk il-Kunsill qabel b'maġġoranza li jimplimenta l-pjan t'azzjoni bil-proposti oriġinali mressqa mis-Sindku NH.

## 12.3 Tmiem tal-laqgħa

12.3.1. Il-laqgħa intemmet fis-18:30.

**Konfermati, illum it-Tlieta 8 ta' April 2025**

(iffirmat)
Nigel Holland
Sindku

(iffirmat)
Malcolm Agius Muscat
Segretarju Eżekuttiv